# Ittra lill-Kommunita' Parrokkjali taż-Żejtun

9

**RANDAN 1982**

fih tidwi iżjed ċara il-kelma tal-Mulej:-
"Indmu u emmnu l-Bxara t-Tajba".



## Ġimgħa taż-Żgħażagħ fiż-Żejtun

Għall-ewwel darba fiż-Żejtun se tiġi organizzata l - Ġimgħa taż-Żgħażagħ, matul il-ġimgħa wara l-Għid il-Kbir, mill-11 sat-18 t'April.

Qed tieħu ħsiebha l-Kummissjoni taż-Żgħażagħ li twaqqfet fiż-Żejtun is-sena li għaddiet.

Matul dil-Ġimgħa taż-Żgħażagħ se jkun hemm:

- Siegħa ma' Dun Victor Grech
- Play-forum dwar iż-żgħażagħ
- Quddiesa Folk fil-knisja parrokkjali
- Kompetizzjonijiet
- Kwiż
- Treasure Hunt

u attivitajiet oħra.

# EŻERĊIZZI SPIRITWALI 1982

## għaż-żgħażagħ ġuvintur u tfajliet

mit-22 sas-26 ta' Marzu, fis-7.00 p.m.
fil-knisja Ġesù Nazzarenu minn Patri Mario Jaccarini S.J.

mid-29 ta' Marzu sat-2 t'April, fis-6.30 p.m.
fil knisja Tal-Hniena minn Dun Joe Camilleri

## għax-xebbiet

mill-15 sad-19 ta' Marzu fis-7.00 p.m.
fil-knisja parrokkjali minn Dun Norbert Bonavia MSSP

## għall-koppji miżżewġa

mit-8 sat-12 ta' Marzu fis-7.00 p.m.
fil-knisja parrokkjali minn Patri Manwel Barbara OFM. Cap.

mill-15 sad-19 ta' Marzu fis-6.20 p.m.
fil-knisja Tal-Hniena minn Dun Manwel Caruana

## għan-nisa

mill-15 sad-19 ta' Marzu fis-2.30 p.m.
fil-knisja parrokkjali minn Monsinjur Anton Pace

mill-15 sad-19 ta' Marzu 2.30 p.m.
fil-knisja Tal-Hniena minn Dun Trevor Fairclough

mit-22 sas-26 ta' Marzu fid-9.15 a.m.
fil-knisja S. Girgor minn Dun Pawl Raggio

## għal kulħadd

mit-8 sat-12 ta' Marzu fis-6.00 p.m.
fil-knisja Tas-Sinjura minn Monsinjur Pawl Pace

mill-15 sad-19 ta' Marzu fis-7.00 p.m.
fl-Oratorju minn Dun Manwel Caruana

mill-15 sad-19 ta' Marzu fis-6.30 p.m.
fil-knisja S. Marija tal-Hlas minn Dun Ġużepp Grech Cremona

mid-29 ta' Marzu sat-2 t'April fis-6 00 p.m.
fil-knisja S. Marija ta' Hal Tmin minn Dun Salv Galea

mid-29 ta' Marzu sal-1 t'April, fis-7.00 p.m.
fid-Domus

mill-5 sas-7 t'April fis-6 00 p.m.
fil-knisja S Klement mill-Kanonku Ġużeppi Bonello

# Ġimgħa Mqaddsa 1982

**Hadd il-Palm, 4 t'April**
Fid-9.00 a.m.: Tberik taż-żebbuġ; purċissjoni solenni li għaliha mistieden jieħu sehem il-poplu kollu; wara Quddiesa kantata bil-qari tal-Passju.

**L-Erbgħa, 7 t'April:**
Fis-7.00 p.m. VIA SAGRA solenni.

**Hamis ix-Xirka, 8 t'April:**
Fis-6.00 p.m.: Konċelebrazzjoni b'tifkira tal-aħħar Ċena; issir il-funzjoni ta' Hasil riġlejn l-Appostli.
Wara l-Quddiesa Ġesù Sagramentat jittieħed b'purċissjoni għall-adorazzjoni. Minn wara l-Quddiesa sal-10.45 p.m. jistgħu jsiru l-viżti missoċjetajiet tal-parroċċa.
Fil-11.00 p.m. SIEGHA MA' ĠESU' FL - EWKARISTIJA; in-nies kollha tal-parroċċa huma mistiedna jieħdu sehem fiha.

**Il-Ġimgħa l-Kbira, 9 t'April:**
Fit-8.00 a.m.: L-Uffiċċju tal-Qari kantat bil-Malti fl-Oratorju.
Mid-9.00 a.m. sal-12.00 p.m. jissoktaw il-viżti.
Fit-3.00 p.m.: LITURĠIJA SOLENNI TAL-PASSJONI.

**Is-Sibt, 10 t'April:**
Fit-8.00 p.m.: IS-SAHRA TAL-GHID IL-KBIR.

**QRAR MINN KONFESSURI BARRANIN**

It-Tlieta, 6 t'April:
mill-4.30 p.m. 'il quddiem
L-Erbgħa, 7 t'April:
mit-8.00 sal-10.30 a.m.
Il-Hamis, 8 t'April:
mill-4.30 p.m. 'il quddiem.

## INIZJATTIVI FIŻ-ŻONA SAN GIRGOR

F'dawn l-aħħar xhur inbdew diversi inizjattivi fiż-żona parrokkjali ta' San Girgor.

Qed ikun hemm erba' klassijiet għattagħlim tar-reliġjon lit-tfal li se jagħmlu l-Griżma dis-sena jew fis-sena ta' wara. B'kollox qed jattendu madwar 90 tifel u tifla, barra s-57 tfal li qed iħejju għall-Ewwel Tqarbina għand is-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu.

Dun Remiġ Saliba, il-viċi-parroku li qed jieħu ħsieb iż-żona f'isem l-Arċipriet, qed ilaqqa' grupp ta' talb kull ġimgħatejn u qed jiċċelebra l-Quddiesa filgħaxija kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Il-knisja issa għandha t-tgħammir ta' "loudspeaker" u hemm grupp ta' nisa li qed jaħsluha regularment. Għadhom kemm inxtraw diversi fillieri ta' siġġijiet tal-ħadid li jintużaw bħall-bankijiet.

## TWAQQFET IL-KUMMISSJONI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Bit-tħabrik tal-Kummissjoni Ħidma Kommunitarja tal-parroċċa, għadha kemm twaqqfet fiż-Żejtun il-Kummissjoni taż-żgħażagħ, bl-iskop li tikkordina u ssaħħaħ il-ħidma fost iż-żgħażagħ tar-raħal.

Bil-koperazzjoni ta' żagħżugħ Ġermaniż li qatta' sitt xhur hawn Malta f'taħriġ ta' xogħol mal-Caritas Malta, il-kotra l-kbira tal-għaqdiet interessati fiż-żgħażagħ fiż-Żejtun iltaqgħu flimkien u qablu li bejniethom jiffurmaw kummissjoni taħt it-tmexxija ta' Ġemma Cachia, tfajla mill-parroċċa li bħalissa hija sinjora fiż-Żurrieq.

L-ewwel biċċa xogħol tal-Kummissjoni se tkun il-Ġimgħa taż-Żgħażagħ li se ssir għall-ewwel darba fiż-Żejtun mill-11 sat-18 t'April li ġej.

## ERBA' KANDIDATI FIL-QASAM TAL-MUSEUM

Għall-ewwel darba wara tmien snin il-Qasam lokali tal-MUSEUM dis-sena għamel iċ-ċerimonja tal-kandidati lil erba' ġuvintur:

Joe Bugelli, Angelique Caruana, Michael Desira u David Grech. Fis-Soċjetà tal-MUSEUM isiru kandidati dawk iż-żgħażagħ li jkun beħsiebhom jibqgħu telgħin biex sentejn wara jsiru soċi sħaħ.

## ĦAMSIN SENA ILU . . . .

Ħamsin sena ilu miet Dun Lawrenz Degabriele, Arċipriet taż-Żejtun, ir-ragħaj maħbub li għex u miet fqir u ta kollox lill-foqra tal-parroċċa.

Ħamsin sena ilu s-Sinjorina Ġużeppina Curmi waqqfet is-Sorijiet ta' Ġesù Nazzarenu.

Ħamsin sena ilu twaqqif il-Qasam lokali tal-MUSEUM fiż-Żejtun.

## XI DATI IMPORTANTI

23 ta' Mejju: It-tfal tal-parroċċa jirċievu s-Sagrament tal-Griżma tal-Isqof.

30 ta' Mejju: Jum Għid il-Ħamsin — jsir il-Kungress tax-Xirka.

6 ta' Ġunju: Ssir l-Ewwel Tqarbina fil-knisja parrokkjali.

13 ta' Ġunju: Festa ta' Corpus.

18 ta' Ġunju: Festa tal-Qalb ta' Ġesu'. Il-purċissjoni ssir l-għada.

# GHID IL-KBIR 1982

## Ġranet u Toroq li fihom isir it-Tberik tal-Familji

**Il-Ħadd, 11 t'April:**

Filgħodu tberik tal-istituti u soċjetajiet reliġjużi u ċivili.
Wara nofsinhar tberik fid-djar tas-saċerdoti.

**It-Tnejn, 12 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Il-pjazza t'isfel tal-knisja, Triq il-Ġdida (Ħabel ix-Xgħir), Triq is-Salvatur u s-sqaqien ta' magħha.
Fl-4.00 p.m. Triq il-Kbira (nibdew mill-pjazza t'isfel tal-knisja) sa Triq S. Ġorġ.

**It-Tlieta, 13 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Misraħ il-Bjar — id-dawra kollha — Sqaq il-Bjar, Triq id-Dejqa, il-kumplament ta'' Triq il-Kbira, Sqaq San Bastjan.
Fl-4.00 p.m. Sqaq ir-Rebħa, Pjazza Bandolier, Sqaq San Adeodatu, il-bqija ta' Triq il-Kbira fejn taqbad ma' Misraħ il-Bjar.

**Il-Ħamis, 15 t'April:**

Fl.4.00 p.m. Triq Bandolier, Triq Santa Ċeċilja, Pjazza Palma, Triq San Klement
Fl-4.00 p.m. Triq Sciortino u Triq Dun Mikiel Cassar

**Il-Ġimgħa, 16 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq S. Agata, Triq Taltas, Triq Villa Cagliares.
Fl-4.00 p.m. Triq S. Antnin, Triq il-Lvant, Triq Bugħarbiel, Triq ġdida fi Triq Bugħarbiel, Triq Wied il--Għajn (in-naħa t'isfel).

**Il-Ħadd, 18 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq ir-Ramla u Misraħ Strejnu.

**It-Tnejn, 19 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq il-Qalb Imqaddsa, Triq Kan. DeDomenico, Triq Mikiel Cachia.
Fl-4.00 p.m. Triq S. Wistin.

**It-Tlieta, 20 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq id-Duluri, Triq Dun Spir Grixti, Triq Ġużeppina Curmi, Triq Palazzi.
Fl-4.00 p.m. Misraħ Diċembru 13, Triq S. Girgor, Triq Wied il-Għajn (in-naħa ta' fuq), Triq Dellimara.

**L-Erbgħa, 21 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq Beland, Triq S. Porfiriu, Triq S. Piju X, Pjazza Prinċep ta' Wales.
Fl-4.00 p.m. Triq S. Ġużepp, Triq Connaught, Triq Kantur, Triq S. Fawstina.

**Il-Ħamis, 22 ta' April:**

Fl-4.00 p.m. Triq S. Monika, Triq Britannja (minn ħdejn Triq Ħerba), Pjazza Bonnici, Triq Ġwiedi.
Fl-4.00 p.m. Triq S. Katarina, biċċa minn Triq Tarxien, Triq Toni Zahra, Triq il-Ħaddara.

**Il-Ġimgħa, 23 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq l-Ispirtu s-Santu, Triq A. Cachia Zammit u d-djar ta' madwar is-Suq.
Fl-4.00 p.m. Triq S. Luċjan, Triq Antonju Micallef, Triq l-Iskola.

**It-Tnejn, 26 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq S. Anġlu (l'isfel mill-iskola sa quddiem S. Klement), Triq l-Isqof Zahra, Triq Bisqalin.
Fl-4.00 p.m. Triq Bormla, Triq Tarxien, Bulebel il-Kbir, Triq il-Barrani, Triq B'Buġa, Triq Marsaxlokk (l-irziezet biss).

**It-Tlieta, 27 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq il-Kostituzzjoni, Triq S. Franġisk, Triq il-Kunċizzjoni, Triq S. Anġlu (sa quddiem Triq l-Ispirtu s-Santu).
Fl-4.00 p.m. Triq S. Anġlu (minn quddiem Triq l-Ispirtu s-Santu), Triq il-Bon Kunsill, Pjazza Diacono, Triq Ħerba (safejn taqbad ma' Triq S. Emidju).

**L-Erbgħa, 28 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq Arċipriet Degabriele, Triq Anġlu Grima, Triq Dun Ġwann Tabone.
Fl-4.00 p.m. Triq Ħerba (kumplament tagħha), Sqaq il-Mitħna, Triq Luqa Briffa, Sqaq il-Beggi

**(Jissokta fil-paġna ta' wara isfel)**

# FTIT NOTI

## In-nies iwieġbu....

IX-XOGĦOL tagħna fil-parroċċa mhux nieqes mid-diffikultajiet iżda lanqas m'hu nieqes mis-sodisfazzjonijiet. Ħaġa sabiħa li rrid insemmi hija l-mod kif in-nies iwieġbu u jikkooperaw tassew. Nagħtikom xi eżempji. Mardet Katarin li b'dedikazzjoni kbira kienet tieħu ħsieb it-tindif tal-knisja. Grupp sabiħ ta' nisa tal-Azzjoni Kattolika daħlu huma għal din il-biċċa xogħol mhux faċli.

DEHRILNA li kien wasal iż-żmien li nagħmlu quddiesa għaż-żgħażagħ. Għamilna avviż il-Ħadd ta' qabel. Iż-żgħażagħ wieġbu bi ħġarhom u mlew l-Oratorju fejn saret il-quddiesa. Laqatni l-mod kif ġabu ruħhom: urewni li jridu jisimgħu quddiesa sew nhar ta' Ħadd.

FIL-KNISJA li ta' S. Girgor dan l-aħħar żidna d-dwal, daħħalna l-loudspeakers, ġibna siġġijiet cħra. Iżda forsi pass aktar importanti kien is-sejħa li saret għan-nisa ta' dawk l-inħawi biex jibdew jattendu għal xi laqgħat ta' talb. Minħabba n-numru li bdew jattendu jkollna nagħmlu aktar minn grupp wieħed.

IS-SENA l-oħra f'Mejju għamilna bazaar għall-ewwel darba. Tlabna n-nies joffru ħwejjeġ ġodda, pjanti, kotba, affarijiet tal-ikel eċċ. Il-bazaar irnexxa ħafna. Nġabru u nbiegħu ħafna affarijiet bis-saħħa ta'nies li offrew l-għajnuna tagħhom. Din issena l-bażaar ser nagħmluh fil-15 ta' Mejju.

NISTA' nġib ħafna eżempji oħra. Għalija din il-kooperazzjoni minn naħa tan-nies turi interess u mħabba fil-prattika għall-knisja u toħloq fil-parroċċa ħafna sens ta' familja jew ta' kommunità. J'alla tkompli tikber fostna.

*L-ARĊIPRIET*

---

(Tissokta mill-paġna ta' qabel)

**Il-Ħamis, 29 t'April:**

Fl-4.00 p.m. Triq S. Luċija, Triq S. Xejba, Triq S. Ċirillu, Triq S. Marija (sa ħdejn il-knisja ta' S. Marija).

Fl-4.00 p.m. Sqaq Vendome, Triq S. Ġwann u s-sqaqien tagħha.

**Il-Ġimgħa, 30 t'April:** Triq San Paul

Fl-.400 p.m. Sqaq S. Anġlu, Pjazza S. Marija, Triq S. Mikiel, Triq il-Madonna tal-Ħniena (in-naħa t'isfel).

Fl-4.00 p.m. Triq il-Madonna tal-Ħniena (in-naħa tan-nofs), Sqaq Alessandru, Triq Lorenzo Gafa, John Borg.

**It-Tnejn, 3 ta' Mejju:**

Fl-4.00 p.m. Triq Dr. Cannataci, Triq Melkjorre Gafa'.

Fl-4.00 p.m. Kumplament ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena, Vjal Sir Paul Boffa, Bir id-Deheb, Triq il-Għadam.

**It-Tlieta 4 ta' Mejju:**

Fl-4.00 p.m. Triq S. Duminku, Triq S. Alfons, Sqaq S. Lawrenz, Triq S. Marija (il-kumplament).

Fl-4.00 p.m. Triq Marsaxlokk, Triq S. Pietru.

**L-Erbgħa, 5 ta' Mejju:**

Fl-4.00 p.m. Qasam tad-Djar tal-Gvern — in-naħa ta' fuq.

**Il-Ħamis, 6 ta' Mejju:**

Fl-4.00 p.m. Qasam tad-Djar tal-Gvern — in-naħa t'isfel

**Il-Ġimgħa, 7 ta' Mejju:**

Fl-4.00 p.m. Il-Flattijiet fal-Qasam tad-Djar tal-Gvern.

# L-ARĊISQOF LIX-XJUĦ MALTIN

1. Irrid nieħu l-okkażjoni tas-Sena Internazzjonali tax-Xjuħ biex insellem lil dawk il-persuni kollha fil-gżira tagħna li matul il-pellegrinaġġ ta' din il-ħajja ilhom iżjed minni "jerfgħu t-toqol tal-jum u s-sħana" (Mt. 20, 12), ilhom iżjed minni jiltaqgħu mal-Mulej u jfittxu li jaqduh bil-fedeltà fil-ħwejjeġ żgħar u fil-kbar, fil-hena u fin-niket.

2. Jixraq li jiena, u miegħi n-nies kollha, inbaxxu rasna quddiem ix-xjuħ ta' pajjiżna. Għax ix-xjuħija tiġbor fiha dak kollu li minnu għaddew matul il-ħajja: dak li tgħallmu, li ħadmu, li kisbu, li għożżew, li tħabtu u batew għalih. U dan kollu nissel fihom dak il-għerf li s-snin biss jistgħu jagħtu, dak il-għerf li b'mod partikulari nkiseb mix-xjuħ tagħna li ġarrbu l-esperjenza qarsa ta' żewġ gwerer dinjija, bit-tbatijiet kollha li dawn ġabu magħhom.

3. Il-għerf li kisbu jgħin lix-xjuħ tagħna jħarsu mod ieħor lejn il-ħwejjeġ kollha tal-ħajja u jarawhom mod ieħor — bil-għajnejn u bil-qalb ta' Alla. Hu minn dan il-għerf li joħorġu t-tjubija, is-sabar, il-mogħdrija u dik li hi l-isbaħ żina tax-xjuħija — l-imħabba.

4. Mogħnija b'dix-xorta ta' għerf, ix-xjuħ tagħna huma ta' siwi kbir għall-membri l-oħra tal-kommunità. Huma jiswew t'għajnuna f'waqtha lil uliedhom li jiżżewġu u jsiru huma wkoll ġenituri. Isiru l-egħżeż ħbieb taż-żgħar tagħna, li minn fommhom jitgħallmu għall-ewwel darba il-ġrajjiet tal-familja, tal-belt jew raħal tagħhom, t'art twelidna, il-ħrejjef ta' missirijietna, u l-ġrajja għażiża tas-sal-vazzjoni tagħna. Il-pariri tagħhom idawlu liż-żgħażagħ fil-problemi tal-ħajja. U l-ħidma tagħhom tibqa' tiswa ta' ġid lill-gruppi, l-assoċjazzjonijiet u l-każini tal-ambjent tagħhom.

5. Jiena bħala l-Isqof inħossni merfugħ bil-għajnuna li jagħtuni x-xjuħ tagħna: is-sehem, it-talb u s-sagrifiċċju li huma jagħmlu. U rrid inrodd ħajr lis-saċerdoti kollha li jieħdu ħsieb ix-xjuħ billi jagħtuhom direzzjoni spiritwali u jfarrġuhom bis-sagramenti tal-Qrar u tal-Ewkaristija. Hajr kbir irrid nagħti lil dawk il-lajċi li jirrispettaw lix-xjuħ billi jduru bihom, iżuruhom u jgħinuhom igħixu integrati fil-kommunità.

**Mill-messaġġ tal-Arċisqof tad-9-2-82**


# AMADEO & M. CO. LTD

## AMADEO SELF SERVICE

**General Merchant**

HOUSING ESTATE, ZEJTUN. TEL: 878644


Veritas Press, Żabbar